SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

5 ta' Marzu 2015*

"Appell — Miżuri restrittivi meħuda kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran bl-għan li tiġi prekluża l-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar ta' fondi — Restrizzjonijiet fuq it-trasferiment ta' fondi — Għajnuna għal entitajiet indikati biex jevadu jew jiksru miżuri restrittivi"

Fil-Kawża C-585/13 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2013,

**Europäisch-Iranische Handelsbank AG**, stabbilita f'Hamburg (il-Ġermanja), irrappreżentata minn S. Jeffrey, S. Ashley u A. Irvine, solicitors, H. Hohmann, avukat, D. Wyatt, QC, kif ukoll minn R. Blakeley, barrister,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**, irrappreżentat minn F. Naert u M. Bishop, bħala aġenti,

konvenut fl-ewwel istanza,

**Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq**, irrappreżentat minn V. Kaye, bħala aġent, assistita minn R. Palmer, barrister,

**Il-Kummissjoni Ewropea,**

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, C. Vajda, A. Rosas (Relatur), E. Juhász u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 Permezz tal-appell tagħha, Europäisch-Iranische Handelsbank AG (iktar 'il quddiem "EIH") titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Settembru 2013, Europäisch-Iranische Handelsbank vs Il-Kunsill (T-434/11, EU:T:2013:405, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", li permezz tagħha dik il-qorti ċaħdet it-talbiet tagħha għall-annullament:

— tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/783/PESK, tal-1 ta' Diċembru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 319, p. 71),

— tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1245/2011, tal-1 ta' Diċembru 2011, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 319, p. 11), u

— tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u [...] li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1),

sa fejn dawn l-atti jirrigwardawha.

**Il-kuntest ġuridiku u l-fatti li wasslu għall-kawża**

2 Preokkupat mill-varji rapporti tad-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika "AIEA" u mir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tal-gvernaturi tal-AIEA dwar il-programm nukleari tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (iktar 'il quddiem il-"Kunsill tas-Sigurtà"), fit-23 ta' Diċembru 2006, adotta r-Riżoluzzjoni 1737 (2006), li l-punt 12 tagħha, moqri flimkien mal-anness tagħha, jelenkaw serje ta' persuni u ta' entitajiet li huma implikati fil-proliferazzjoni nukleari u li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom għandhom jiġu ffriżati.

3 Sabiex tiġi implementata fl-Unjoni Ewropea r-Riżoluzzjoni 1737 (2006), il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta, fis-27 ta' Frar 2007, il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 4M, 8.1.2008, p. 155).

4 L-Artikolu 5(1) tal-Pożizzjoni Komuni 2007/140 jipprovdi għall-iffriżar tal-fondi kollha u tar-riżorsi ekonomiċi kollha ta' ċerti kategoriji ta' persuni u ta' entitajiet enumerati fil-punti (a) u (b) ta' din id-dispożizzjoni. Għalhekk, il-punt (a) ta' dan l-Artikolu 5(1) kien jirrigwarda l-persuni u l-entitajiet indikati fl-anness tar-Riżoluzzjoni 1737 (2006) kif ukoll il-persuni u l-entitajiet l-oħra indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà maħluq b'mod konformi mal-Artikolu 18 tar-Riżoluzzjoni 1737 (2006). Il-lista ta' dawn il-persuni u entitajiet kienet tinsab fl-Anness I tal-Pożizzjoni Komuni 2007/140. Il-punt (b) tal-imsemmi Artikolu 5(1) ikopri l-persuni u l-entitajiet mhux imsemmija f'dan l-Anness I li, b'mod partikolari, jipparteċipaw, huma direttament assoċjati jew jappoġġaw l-attivitajiet nukleari tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, huma ta' riskju għall-proliferazzjoni. Il-lista ta' dawn il-persuni u ta' dawn l-entitajiet tidher fl-Anness II tal-imsemmija pożizzjoni komuni.

5 Sa fejn il-kompetenzi tal-Komunità Ewropea kienu kkonċernati, ir-Riżoluzzjoni 1737 (2006) ġiet implementata bir-Regolament (KE) Nru 423/2007, tad-19 ta' April 2007, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 335M, 13.12.2008, p. 969), adottat fuq il-bażi tal-Artikoli 60 KE u 301 KE, fir-rigward tal-Pożizzjoni Komuni 2007/140 u li l-kontenut tiegħu huwa essenzjalment simili għal dak ta' din tal-aħħar, l-istess ismijiet ta' entitajiet u ta' persuni fiżiċi jidhru fl-Anness IV ta' dan ir-regolament,

dwar il-persuni, l-entitajiet u l-organi indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, u, fl-Anness V tal-imsemmi regolament, dwar il-persuni, entitajiet u organi oħra minbarra dawk li jidhru fl-Anness IV).

6 L-Artikolu 7(1) sa (3) tar-Regolament Nru 423/2007 jipprevedi l-iffriżar ta' fondi. L-Artikolu 7(4) tal-istess regolament huwa fformulat kif ġej:

"Il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonata, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom hu, direttament jew indirettament, l-evażjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3."

7 L-Artikoli 8 sa 10 tar-Regolament Nru 423/2007 jistipulaw diversi każijiet fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati.

8 L-Artikolu 8(a) ta' dan ir-regolament, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 618/2007, tal-5 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 143, p. 1), jipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati meta dawn ikunu s-suġġett ta' rahan ġuridiku, amministrattiv jew arbitrali stabbilit qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew l-organu jkun ġie indikat mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kunsill, jew ta' sentenza ġuridika, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel din id-data.

9 L-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 423/2007 jipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati sakemm pagament ikun dovut minn persuna, entità jew organu abbażi ta' kuntratt, ta' ftehim jew ta' obbligu li l-persuna, l-entità jew l-organu kkonċernat ikun daħal għalihom qabel l-elenkar ta' ismu fil-lista. L-awtorità kompetenti kkonċernata għandha tistabbilixxi l-użu tal-fondi u tinnotifika l-intenzjoni tagħha li tagħti awtorizzazzjoni lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea, skont jekk il-persuna, l-entità jew l-organu jkunx ġie indikat mill-Kunsill tas-Sigurtà jew le.

10 L-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 423/2007 jipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati għall-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni, għall-ħlas tal-provvista ta' servizzi legali jew ta' żamma ta' fondi. Meta l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew organu indikata mill-Kunsill tas-Sigurtà, l-awtorità għandha tinnotifika l-intenzjoni tagħha li tagħti awtorizzazzjoni lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. L-Artikolu 10(2) ta' dan ir-regolament jipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati għall-ħlas ta' spejjeż straordinarji. Meta l-awtorizzazzjoni tirrigwarda persuna, entità jew organu indikat mill-Kunsill tas-Sigurtà, l-awtorità għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lil Kumitat tas-Sanzjonijiet li għandu japprovaha. Meta l-awtorizzazzjoni tirrigwarda persuna, entità jew organu li ma ġiex indikat mill-Kunsill tas-Sigurtà, l-awtorità kompetenti għandha minn qabel tinnotifika r-raġunijiet li għalihom hija tqis li awtorizzazzjoni speċifika għandha tingħata lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni. L-Artikolu 10(3) tal-imsemmi regolament jipprevedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija abbażi tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-istess regolament.

11 Skont l-Artikolu 18(d) u (e) tar-Regolament Nru 423/2007, dan japplika, b'mod partikolari, għal kull persuna ġuridika, entità jew organu li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru, jew f'dak li jirrigwarda kull operazzjoni kummerċjali mwettqa kompletament jew parzjalment fil-Komunità.

12 Peress li kkonstata li r-Repubblika Iżlamika tal-Iran kienet qed tkompli bl-attivitajiet tagħha marbuta mal-arrikkiment nukleari u ma kinitx qed tikkollabora mal-AIEA, fit-3 ta' Marzu 2008 l-Kunsill tas-Sigurtà adotta r-Riżoluzzjoni 1803 (2008). Fil-punt 10 ta' din ir-riżoluzzjoni, il-Kunsill tas-Sigurtà:

"*Jitlob* lill-Istati kollha sabiex ikunu viġilanti dwar attivitajiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jinsabu fit-territorju tagħhom mal-banek kollha domiċiljati fl-Iran, b'mod partikolari mal-Bank Melli u mal-Bank Saderat, kif ukoll mal-fergħat u aġenziji tagħhom barra l-pajjiż, sabiex jiġi evitat li dawn l-attivitajiet jikkontribwixxu għall-proliferazzjoni nukleari jew għall-aġġornament tas-sistemi ta' konsenja ta' [l-iżvilupp ta' sistemi li jwasslu] armi nukleari, kif indikat fir-Riżoluzzjoni 1737 (2006)".

13 Sabiex jimplementa din ir-riżoluzzjoni, fis-7 ta' Awwissu 2008, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2008/652/PESK, li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 213, p. 58, u rettifika ĠU L 285, p. 22). L-Artikolu 3b(1) tal-Pożizzjoni Komuni 2007/140, kif emendata bil-Pożizzjoni Komuni 2008/652, jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw viġilanza fuq l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-ġurisdizzjoni tagħhom ma' banek domiċiljati fl-Iran, b'mod partikolari mal-Bank Saderat, fergħat u sussidjarji ta' tali banek, kif ukoll mal-entitajiet finanzjarji kkontrollati minn persuni u minn entitajiet domiċiljati fl-Iran, meta dawn l-istabbilimenti jkunu elenkati fl-Annessi III jew IV ta' din il-pożizzjoni komuni, kif emendata, sabiex ikun evitat li tali attivitajiet jikkontribwixxu għal attivitajiet nukleari li jagħtu lok għal riskju ta' proliferazzjoni nukleari. L-Artikolu 3b(2) tal-imsemmija pożizzjoni komuni, kif emendata, jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jitolbu lill-istituzzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari, li:

"a) jeżerċitaw viġilanza kontinwa fir-rigward ta' l-attività relatata mal-kontijiet, inkluż permezz tal-programmi tagħhom ta' diliġenza dovuta mill-klijenti u f'konformità ma' l-obbligi tagħhom relatati mal-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu,

b) jirrikjedu li jimtlew il-partijiet kollha ta' informazzjoni ta' l-istruzzjonijiet ta' ħlas li għandhom x'jaqsmu ma' l-oriġinatur u l-benefiċjarju tat-transazzjoni in kwistjoni; u jekk dik l-informazzjoni ma tkunx provduta, tiġi rifjutata t-transazzjoni,

c) iżommu r-reġistrazzjonijiet kollha tat-transazzjonijiet għal perijodu ta' ħames snin u jagħmluhom disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali fuq talba,

d) jekk jissuspettaw jew għandhom raġunijiet raġonevoli biex jissuspettaw li l-fondi huma relatati mal-finanzjament ta' proliferazzjoni, jirrapurtaw minnufih is-suspetti tagħhom lill-Unità ta' Intelligence Finanzjarja (UIF) jew lil awtorità oħra maħtura mill-Istat Membru kkonċernat. [...]".

14 Fl-10 ta' Novembru 2004, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1110/2008, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 300, p. 1). L-Artikolu 3b tal-Pożizzjoni Komuni 2007/140, kif emendata bil-Pożizzjoni Komuni 2008/652, huwa implementat bl-Artikolu 11a miżjud mar-Regolament Nru 423/2007, li huwa applikabbli, b'mod partikolari għall-entitajiet, għall-persuni ġuridiċi u għall-organi li jkunu inkorporati jew kkostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru, jew f'dak li jirrigwarda kull operazzjoni kummerċjali mwettqa fil-Komunità. L-Artikolu 11b tar-Regolament Nru 423/2007, kif emendat bir-Regolament Nru 1110/2008, jipprevedi dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-fergħat u s-sussidjarji tal-Bank Saderat.

15 Peress li kkonstata li r-Repubblika Iżlamika tal-Iran ma kinitx osservat ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà, peress li bniet ċentrali f'Qom bi ksur tal-obbligu tagħha li tissospendi l-attivitajiet kollha marbuta mal-arrikkiment nukleari u żvelat dan biss f'Settembru 2009, peress li hija ma infurmatx lill-AIEA u rrifjutat li tikkoopera ma' din l-aġenzija, il-Kunsill tas-Sigurtà, permezz tar-Riżoluzzjoni 1929 (2010), tad-9 ta' Ġunju 2010, adotta miżuri iktar severi. Il-punti 21 sa 24 ta' din ir-riżoluzzjoni jirrigwardaw is-servizzi finanzjarji. Fil-punt 21 tal-imsemmija riżoluzzjoni, il-Kunsill tas-Sigurtà jistieden b'mod partikolari lill-Istati "jostakolaw il-provvista ta' servizzi finanzjarji fit-territorju tagħhom, b'mod partikolari servizzi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, jew

it-trasferiment lejn, permezz ta', jew mit-territorju tagħhom, lil jew minn ċittadini tagħhom jew l-entitajiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom (inklużi s-sussidjarji stabbiliti f'pajjiż barrani), jew persuni jew istituzzjonijiet finanzjarji li jinsabu fit-territorju tagħhom, ta' kull tip ta' fondi, kull attiv jew riżorsi ekonomiċi jekk huma jkollhom informazzjoni li tagħtihom raġonevolment x'jifhmu li dawn is-servizzi, attivi jew riżorsi jistgħu jikkontribwixxu għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li jagħtu lok għal riskju ta' proliferazzjoni jew l-iżvilupp ta' sistemi li jwasslu l-armi nukleari, b'mod partikolari billi jiffriżaw il-fondi, l-attivi u r-riżorsi ekonomiċi l-oħra li jinsabu fit-territorju tagħhom jew li iktar 'il quddiem ser ikunu fit-territorju tagħhom, jew li huma jew ser ikunu suġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħhom, u li huma assoċjati ma dawn il-programmi jew ma dawn l-attivitajiet, u billi jeżerċitaw viġilanza msaħħa sabiex jipprevjenu tali tranżazzjonijiet, bi qbil mal-awtoritajiet nazzjonali tagħhom u skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom".

16 F'dikjarazzjoni annessa mal-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew enfasizza li iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar kien imħasseb bil-programm nukleari Iranjan, filwaqt li laqa' b'mod pożittiv l-adozzjoni, mill-Kunsill tas-Sigurtà, tar-Riżoluzzjoni 1929 (2010) u kkunsidra l-aħħar rapport tal-AIEA, datat il-31 ta' Mejju 2010.

17 Fil-punt 4 ta' din id-dikjarazzjoni, il-Kunsill Ewropew ikkunsidra li l-introduzzjoni ta' miżuri restrittivi ġodda kienet saret inevitabbli. Hekk kif jirriżulta mix-xogħlijiet imwettqa mill-Kunsill għall-Affarijiet Barranin, huwa stieden lil dan tal-aħħar jadotta, fil-laqgħa li jmiss, miżuri li jimplementaw il-miżuri previsti fir-Riżoluzzjoni 1929 (2010) tal-Kunsill tas-Sigurtà. Dawn il-miżuri kellhom b'mod partikolari jkopru "s-settur finanzjarju, inkluż fih l-iffriżar tal-assi ta' banek Iranjani oħra u restrizzjonijiet fis-settur tal-banek u tal-assigurazzjoni".

18 Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, p. 39, u rettifika ĠU L 197, p. 19), il-Kunsill implementa l-imsemmija dikjarazzjoni, billi ħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140 u billi adotta miżuri restrittivi addizzjonali meta mqabbla ma' din tal-aħħar. Il-premessi 17 sa 20 tad-Deċiżjoni 2010/413, dwar l-attivitajiet finanzjarji, jagħmlu riferiment għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà fir-Riżoluzzjoni 1929 (2010) kif ukoll għad-dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010. Il-Kapitolu 2 tad-Deċiżjoni 2010/413 huwa ddedikat għas-setturi finanzjarji. L-Artikolu 10(1) ta' din id-deċiżjoni jipprevedi li, sabiex tiġi ostakolata l-provvista ta' servizzi finanzjarji fit-territorju tal-Istati Membri jew it-trasferiment lejn, permezz ta', jew mit-territorji tagħhom, lil jew minn ċittadini tal-Istati Membri jew entitajiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom (inklużi l-fergħat barra l-pajjiż), jew persuni jew istituzzjonijiet finanzjarji li jinsabu fit-territorji tagħhom, ta' kull tip ta' fondi, kull attiv jew riżorsi ekonomiċi oħra li jistgħu jikkontribwixxu għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li jagħtu lok għal riskju ta' proliferazzjoni jew l-iżvilupp ta' sistemi li jwasslu l-armi nukleari, l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw sorveljanza msaħħa tal-attivitajiet kollha mwettqa mill-istituzzjonijiet finanzjarji li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom ma' banek domiċiljati fl-Iran, mas-sussidjarji tagħhom jew ma entitajiet ikkontrollati minnhom. L-Artikolu 10(3) tal-imsemmija deċiżjoni jipprevedi l-kontroll tat-trasferimenti ta' fondi.

19 L-Artikolu 20(1) tad-Deċiżjoni 2010/413 jipprevedi l-iffriżar tal-fondi ta' numru ta' kategoriji ta' persuni u ta' entitajiet. Il-punt (a) ta' dan l-Artikolu 20(1) ikopri l-persuni u l-entitajiet indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà, li huma elenkati fl-Anness I ta' din id-deċiżjoni. Il-punt (b) tal-imsemmi Artikolu 20(1) jirrigwarda "persuni u entitajiet mhux koperti mill-Anness I li jkunu impenjati fi, assoċjati direttament ma', jew jipprovdu appoġġ għal, attivitajiet nukleari sensittivi f'termini ta' proliferazzjoni tal-Iran jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari, inkluż permezz ta' involviment fl-akkwist tal-oġġetti, merkanzija, tagħmir, materjal u teknoloġija pprojbiti, jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet ta' proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom, inkluż permezz ta' mezzi illeċiti, jew persuni u entitajiet li għenu lil persuni jew entitajiet indikati biex jevadu jew jiksru d-dispożizzjonijiet tal-UNSCR 1737 (2006),

UNSCR 1747 (2007), UNSCR 1803 (2008) u UNSCR 1929 (2010) jew din id-Deċiżjoni kif ukoll membri għolja oħra u entitajiet tal-IRGC, u ta' entitajiet oħra tal-IRISL u entitajiet ta' proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom jew li jaġixxu f'isimhom, kif elenkati fl-Anness II".

20 Ir-Regolament Nru 423/2007 ġie mħassar u ssostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU L 281, p. 1), li ġie adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 215 TFUE. L-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament jipprevedi b'mod partikolari għall-iffriżar ta' fondi u tar-riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lil ċerti persuni, entitajiet jew lil ċerti organi jew li huma kkontrollati minnhom. L-Artikolu 16(1) jirrigwarda l-persuni, l-entitajiet jew l-organi indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà u elenkati fl-Anness VII tal-imsemmi regolament.

21 Skont l-Artikolu 16(2) sa (4) tar-Regolament Nru 961/2010:

"2. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma l-proprjetà ta', huma miżmuma jew huma kkontrollati mill-persuni, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Anness VIII għandhom ikunu ffriżati. L-Anness VIII għandu jinkludi l-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi, mhux koperti mill-Anness VII, li f'konformità mal-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni [...] 2010/413 [...]:

a) huma impenjati, huma direttament assoċjati ma', jew jipprovdu apoġġ għal attivitajiet nukleari ta' natura sensittiva fir-rigward tal-proliferazzjoni jew l-iżvilupp ta' sistemi li jwasslu l-armi nukleari mill-Iran, inkluż permezz l-involviment fl-akkwist ta' oġġetti u teknoloġija pprojbiti, jew li jkunu propjetà ta', jew ikkontrollati minn, tali persuna, entità jew korp, inkluż permezz ta' mezzi illeċiti, jew li jaġixxu f'isimhom jew taħt it-tmexxija tagħhom;

b) huma persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li assistew lil persuna, entità jew korp elenkati biex jevadu jew jiksru d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, id-Deċiżjoni [...] 2010/413[...] jew tal-UNSCR 1737 (2006), UNSCR 1747 (2007), UNSCR 1803 (2008) u UNSCR 1929 (2010);

[...]

3. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom ikunu disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Annessi VII u VIII.

4. Il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonata, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom hu, direttament jew indirettament, l-evażjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandha tiġi pprojbita."

22 L-Artikoli 18 u 19 tar-Regolament Nru 961/2010 jirrigwardaw il-possibbiltajiet ta' rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati u jikkorrispondu għall-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament Nru 423/2007.

23 Ir-restrizzjonijiet fuq trasferimenti ta' fondi u fuq servizzi finanzjarji huma previsti fil-Kapitolu V tar-Regolament Nru 961/2010. L-Artikolu 21 ta' dan ir-regolament, li jinsab f'dan il-kapitolu, jipprevedi regoli speċifiċi li jirregolaw it-trasferimenti ta' fondi lejn jew minn persuna, entità jew organu Iranjan. B'mod partikolari l-imsemmi artikolu jimponi obbligu li tinkiseb, mingħand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, awtorizzazzjoni minn qabel għal kull trasferiment, minbarra t-trasferimenti msemmija fil-paragrafu 1(a) tiegħu, li l-ammont tiegħu jkun ta' EUR 40 000 jew iktar. Skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament Nru 961/2010, tali awtorizzazzjoni tinħareġ sakemm ma jkunx hemm indikazzjonijiet li t-trasferiment ta' fondi ppjanat jikkontribwixxi għall-attivitajiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni. Min-naħa l-oħra, trasferimenti ta' fondi li jammontaw għal inqas minn EUR 40 000 ma jeħtiġux awtorizzazzjoni minn qabel, iżda għandhom jiġu nnotifikati meta l-ammont tagħhom ikun ta' iktar minn EUR 10 000. L-Artikolu 21(5) tar-Regolament Nru 961/2010 jipprevedi li dan l-artikolu ma japplikax jekk awtorizzazzjoni ta' trasferiment tkun ingħatat skont, b'mod partikolari, l-Artikoli 18 u 19 ta' dan ir-regolament.

24 L-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 961/2010 huwa fformulat kif ġej:

"Il-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament m'għandhomx iwasslu għal responsabbiltà ta' ebda xorta min-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew entitajiet ikkonċernati, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu se jiksru dawn il-projbizzjonijiet."

25 Permezz tad-Deċiżjoni 2011/299/PESK, tat-23 ta' Mejju 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413 (ĠU L 136, p. 65), u tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 503/2011, tat-23 ta' Mejju 2011, li jimplimenta r-Regolament Nru 961/2010 (ĠU L 136, p. 26) (iktar 'il quddiem, ikkunsidrati flimkien, l-"atti tat-23 ta' Mejju 2011"), il-Kunsill b'mod partikolari elenka isem EIH fil-listi ta' persuni u entitajiet li jidhru rispettivament fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010 (iktar 'il quddiem il-"listi tal-2010").

26 Fl-atti tat-23 ta' Mejju 2011, il-Kunsill immotiva l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi tal-appellanti b'dan il-mod:

"L-EIH kellu rwol prinċipali ta' assistenza lil numru ta' banek Iranjani permezz ta' għażliet alternattivi għall-ikkompletar tat-transazzjonijiet interrotti mis-sanzjonijiet tal-[Unjoni] li kellhom l-Iran fil-mira. L-EIH ġie nnotat jaġixxi bħala l-bank li jipprovdi l-konsulenza u l-bank intermedjarju fi transazzjonijiet ma' entitajiet Iranjani indikati.

Pereżempju, kmieni f'Awwissu 2010 l-EIH iffriża l-kontijiet tal-banek indikati mill-[Unjoni ta'] Saderat Iran u Bank Mellat li jinsabu ġewwa EIH Hamburg [il-Ġermanja]. Ftit wara, l-EIH kompla n-negozju ddenominat bl-euro mal-Bank Mellat u l-Bank Saderat Iran bl-użu tal-kontijiet EIH ma' bank Iranjan mhux indikat. F'Awwissu 2010, l-EIH kien qed iwaqqaf sistema li tippermetti li pagamenti ta' rutina jsiru lill-Bank Saderat London u Future Bank Bahrain, b'tali mod li jkunu evitati [s]-sanzjonijiet tal-[Unjoni]. Sa minn Ottubru 2010, l-EIH kompla jaġixxi bħala intermedjarju għal pagamenti mill-banek Iranjani sanzjonati, inklużi Bank Mellat u Bank Saderat. Dawn il-banek [sanzjonati] għandhom jidderieġu l-pagamenti tagħhom lill-EIH via Iran's Bank of Industry and Mine. Fl-2009, l-EIH intuża mill-Post Bank fi skema għall-evażjoni ta' sanzjonijiet li kienet tinvolvi l-ġestjoni ta' transazzjonijiet f'isem il-Bank Sepah indikat min-NU. Bank Mellat indikat mill-[Unjoni] hu wieħed mill-banek matriċi [parent] tal-EIH."

27 Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill reġa' esprima t-tħassib tiegħu dwar in-natura tal-programm nukleari implementat mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran u, fid-dawl ta' dan it-tħassib, ħabbar l-indikazzjoni ta' 180 persuna u entitajiet addizzjonali li huma s-suġġett ta' miżuri restrittivi.

28 Fil-premessa 3 tad-Deċiżjoni 2011/783, u fil-premessa 3 tar-Regolament ta' implementazzjoni Nru 1245/2011, il-Kunsill indika li l-persuni, l-entitajiet u l-organi elenkati fil-listi tal-2010, li fosthom kien hemm EIH, kellhom ikomplu jkunu s-suġġett tal-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fih.

29 Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kunsill ikompli bi prijorità x-xogħlijiet tiegħu dwar l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni u t-twessigħ tas-sanzjonijiet attwalment fis-seħħ, billi jikkunsidra l-impożizzjoni ta' miżuri addizzjonali kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran, u li jadotta dawn il-miżuri sa mhux iktar tard mil-laqgħa li jmiss tiegħu.

30 Filwaqt li għamel riferiment għal dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill adotta miżuri ġodda permezz tad-Deċiżjoni 2012/35/PESC, tat-23 ta' Jannar 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413 (ĠU L 19, p. 22).

31 Huwa adotta wkoll miżuri ġodda permezz tar-Regolament Nru 267/2012, li jħassar u jissostitwixxi r-Regolament Nru 961/2010. L-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi huwa previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 267/2012. L-Artikolu 23(2)(a) u (b) ta' dan ir-regolament jipprevedi l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi tal-persuni, tal-entitajiet jew tal-organi elenkati fl-Anness IX tal-imsemmi regolament. Isem l-appellanti huwa elenkat fil-lista li tinsab f'dan l-anness.

**Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza kkontestata**

32 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-3 ta' Awwissu 2011, EIH ippreżentat rikors għall-annullament kontra d-Deċiżjoni 2011/299 u r-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 503/2011. Sussegwentement, hija bidlet it-talbiet tagħha u talbet l-annullament tad-Deċiżjoni 2011/783, tar-Regolament ta' implementazzjoni Nru 1245/2011 u tar-Regolament Nru 267/2012.

33 Insostenn tar-rikors tagħha l-appellanti kienet invokat erba' motivi u eċċippixiet eċċezzjoni ta' illegalità. Il-motivi kienu bbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-drittijiet tad-difiża tagħha u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, it-tieni wieħed, fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, it-tielet wieħed, fuq ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, tal-prinċipju ta' ċertezza legali u tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u, ir-raba' wieħed, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tad-dritt tagħha għall-proprjetà u tal-libertà ta' impriża. L-eċċezzjoni ta' illegalità kienet tirrigwarda l-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413, l-Artikolu 16(2)(b) tar-Regolament Nru 961/2010 u, minħabba t-tieni bdil tat-talbiet, l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 267/2012.

34 Il-Qorti Ġenerali kkonstatat diversi drabi li l-appellanti kienet ammettiet, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li wettqet tranżazzjonijiet li jimplikaw banek Iranjani indikati, iżda li kienet qed issostni li dawn it-tranżazzjonijiet kienu leċiti. Hekk kif jirriżulta mill-punt 168 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali osservat ukoll li l-appellanti kienet ammettiet li kienet wettqet tali tranżazzjonijiet b'mod partikolari fl-ittra tad-29 ta' Lulju 2011 li hija bagħtet lill-Kummissjoni, meta hija ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-elenkar ta' isimha fil-listi tal-2010 permezz tal-atti tat-23 ta' Mejju 2011.

35 Fir-rigward tal-ewwel motiv il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 45 sa 47 tas-sentenza appellata, li l-bażi legali tal-elenkar ta' isem l-appellanti u ż-żamma tiegħu fil-listi tal-2010 u fil-lista li tinsab fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, kienet l-Artikolu 20(1)(b) tad-Deċiżjoni 2010/413, l-Artikolu 16(2)(b) tar-Regolament Nru 961/2010 u l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 267/2012, jiġifieri l-kriterju li jirrigwarda entità li għenet persuna, entità jew organu indikat jevadi jew jikser il-miżuri restrittivi. Wara li eżaminat il-motivazzjoni tal-elenkar ta' isem l-appellanti fl-imsemmija listi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 55 tas-sentenza appellata, li l-motivazzjoni tad-Deċiżjoni 2011/299, tar-Regolament ta' implementazzjoni Nru 503/2011, tad-Deċiżjoni 2011/783, tar-Regolament ta' implementazzjoni Nru 1245/2011 u tar-Regolament Nru 267/2012 (iktar 'il quddiem, ikkunsidrati flimkien, l-"atti kkontestati") fir-rigward tal-imsemmi kriterju kienet suffiċjenti sa fejn din kienet tippermetti li l-appellanti tifhem b'liema aġiri kienet qed tiġi akkużata u li l-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ tagħha.

36 Fil-kuntest tal-eżami tat-tieni motiv, il-Qorti Ġenerali osservat, fil-punt 166 tas-sentenza appellata, li, "fir-rigward tal-ewwel elenkar ta' isem ir-rikorrenti fil-listi tal-2010, [...] ma hemm ebda indizju fil-fajl li jissuġġerixxi li l-Kunsill ivverifika l-fondatezza tal-allegazzjonijiet li jinsabu fil-proposta ta' elenkar". Għalhekk hija laqgħet l-argument li jgħid li l-Kunsill ma setax, fl-assenza ta' prova, jevalwa l-fondatezza tal-elenkar ta' isem l-appellanti fl-imsemmija listi sa fejn dan l-argument jirrigwarda l-atti tat-23 ta' Mejju 2011. Hija ċaħdet il-kumplament tat-tieni motiv.

37 Il-Qorti Ġenerali sussegwentement ċaħdet kemm it-tielet u r-raba' motiv kif ukoll l-eċċezzjoni ta' illegalità.

38 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni 2011/299 kif ukoll ir-Regolament ta' implementazzjoni Nru 503/2011 u ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

39 Il-Qorti Ġenerali kkundannat lill-EIH għal tlieta minn ħames partijiet tal-ispejjeż tagħha u tal-ispejjeż tal-Kunsill u kkundannat lill-Kunsill għal tnejn minn ħames partijiet tal-ispejjeż tiegħu u tal-ispejjeż sostnuti minn EIH. Hija ddeċidiet li r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

**It-talbiet tal-partijiet**

40 EIH titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata abbażi tal-punti preċiżi indikati f'dan l-appell;

— tannulla, b'effett immedjat, id-Deċiżjoni 2011/783, ir-Regolament ta' implementazzjoni Nru 1245/2011 u r-Regolament Nru 267/2012, sa fejn dawn japplikaw għaliha, u

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż li hija sostniet fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell.

41 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell kollu bħala infondat u tikkundanna lill-EIH għall-ispejjeż li huwa sostna.

42 Ir-Renju Unit jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell.

**Fuq l-appell**

*Fuq l-ewwel aggravju*

L-argumenti tal-partijiet

43 Permezz tal-ewwel aggravju, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, u tad-drittijiet tad-difiża, EIH issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u waslet għal deċiżjoni li hija inkompatibbli mat-talbiet tar-rikors meta ddeċidiet li hija ammettiet li kienet wettqet it-tranżazzjonijiet invokati mill-Kunsill sabiex jiġġustifika l-indikazzjoni tagħha bħala persuna, entità jew organu li huwa s-suġġett ta' miżuri restrittivi.

44 Hija tikkontesta l-punti 115 sa 117 tas-sentenza appellata, kif ukoll il-punti 51 sa 52 tagħha, li għalihom jagħmel riferiment il-punt 115 tal-imsemmija sentenza. Permezz ta' dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-appellanti ammettiet li kienet wettqet ċertu numru ta' tranżazzjonijiet bankarji, li fosthom kien hemm dawk li bihom qed tiġi akkużata. Fid-dawl ta' din il-konstatazzjoni, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 118 tas-sentenza appellata, li l-Kunsill ma kienx obbligat li jipproduċi l-prova tal-fatti mhux ikkontestati.

45 L-appellanti tfakkar l-ewwel motiv tar-rikors, dwar in-natura insuffiċjenti tal-motivazzjoni tal-atti kkontestati u l-ksur tad-drittijiet tad-difiża. Hija ssostni li minn dan il-motiv ma setax jiġi dedott li hija kienet qed tirrikonoxxi li kienet wettqet it-tranżazzjonijiet esposti fil-motivazzjoni tal-elenkar ta' isimha fil-listi tal-2010 u fil-lista li tinsab fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012.

46 Il-Kunsill u r-Renju Unit isostnu li, hekk kif il-Qorti Ġenerali esponiet fil-punt 114 tas-sentenza appellata, l-appellanti ammettiet, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li kienet wettqet tranżazzjonijiet li kienu jinvolvu banek Iranjani indikati bħala persuni, entitajiet jew organi li kienu s-suġġett ta' miżuri restrittivi, iżda sostniet li dawn it-tranżazzjonijiet kienu leċiti. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta ddeċidiet li la kien hemm ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u lanqas tad-drittijiet tad-difiża.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

47 Il-Qorti Ġenerali kkonstatat diversi drabi li l-appellanti kienet wettqet tranżazzjonijiet li kienu jinvolvu banek Iranjani indikati bħala persuni, entitajiet jew organi li kienu s-suġġett ta' miżuri restrittivi. Hekk kif jirriżulta mill-punti 52, 167 u 168 tas-sentenza appellata, din il-konstatazzjoni tirriżulta mill-eżami tar-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza u mill-ittra tad-29 ta' Lulju 2011, li permezz tagħha l-appellanti ppreżentat lill-Kunsill l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-elenkar ta' isimha fil-listi tal-2010 permezz tal-atti tat-23 ta' Mejju 2011.

48 Skont l-Artikoli 256 TFUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appell huwa limitat biss għal kwistjonijiet ta' liġi. Għaldaqstant, hija biss il-Qorti Ġenerali li għandha l-kompetenza sabiex tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet tagħha tirriżulta mill-atti tal-proċess li jkunu ġew ippreżentati quddiemha, kif ukoll sabiex tevalwa l-provi prodotti. Il-konstatazzjoni ta' dawn il-fatti u l-evalwazzjoni ta' dawn il-provi ma humiex, ħlief fil-każ tal-iżnaturament tagħhom, kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenzi Franza vs Il-Kummissjoni, C-559/12 P, EU:C:2014:217, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll Commune de Millau u SEMEA vs Il-Kummissjoni, C-531/12 P, EU:C:2014:2008, punt 56).

49 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li żnaturament għandu jirriżulta b'mod ċar mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi (sentenza General Motors vs Il-Kummissjoni, C-551/03 P, EU:C:2006:229, punt 54).

50 Issa, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 29 u 30 tal-konklużjonijiet tiegħu, fir-rikors tagħha l-appellanti ammettiet li kienet wettqet tranżazzjonijiet li kienu jinvolvu entitajiet indikati bħala li huma s-suġġett ta' miżuri restrittivi, iżda pjuttost ikkontestat in-natura illeċita ta' tali tranżazzjonijiet. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jirriżultax b'mod manifest li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti kkonstatati fil-punti 51, 52, 101, 114 sa 117 tas-sentenza appellata.

51 F'dak li jirrigwarda l-kritika li tgħid li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-Kunsill ma kienx obbligat li jipproduċi l-prova tal-materjalità tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni, għandu jitfakkar li hija l-awtorità kompetenti tal-Unjoni li għandha, fil-każ ta' kontestazzjoni, tistabbilixxi l-fondatezza tal-motivi meqjusa kontra l-persuna kkonċernata (sentenza Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 121). Peress li l-fatti dwar l-eżistenza nnifisha tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni setgħu jitqiesu bħala mhux ikkontestati f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi.

52 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

*Fuq it-tieni aggravju*

L-argumenti tal-partijiet

53 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, EIH ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-kriterji meħtieġa sabiex hija tiġi indikata bħala persuna, entità jew organu li huwa s-suġġett ta' miżuri restrittivi kienu ssodisfatti.

54 Permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat, sabiex tiġġustifika l-indikazzjoni tal-appellanti bħala persuna, entità jew organu li huwa s-suġġett ta' miżuri restrittivi, li hija kienet ammettiet li kienet wettqet it-tranżazzjonijiet invokati mill-Kunsill.

55 Il-Kunsill u r-Renju Unit isostnu li l-ewwel parti tat-tieni aggravju tissovraponi ruħha mal-ewwel aggravju u għandha tiġi miċħuda għall-istess raġunijiet bħal dawk ippreżentati kontra l-ewwel aggravju.

56 Fit-tieni parti tat-tieni aggravju, EIH issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji ta' liġi meta eżaminat it-tliet kategoriji ta' tranżazzjonijiet li hija wettqet u li, fl-opinjoni tagħha, ma kinux ipprojbiti. Dawn kienu, l-ewwel nett, tranżazzjonijiet esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, it-tieni nett, tranżazzjonijiet awtorizzati u, t-tielet nett, tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura msejħa tat-"tat-tielet rimedju" (iktar 'il quddiem il-"proċedura tat-tielet rimedju"), jiġifieri proċedura li tikkonsisti fil-possibbiltà li entità indikata bħala s-suġġett ta' miżuri restrittivi tonora dejn, li jirriżulta minn obbligu preċedenti għall-indikazzjoni tagħha, li hija għandha ma kreditur stabbilit fit-territorju tal-Unjoni, billi tibgħat assi lil dan tal-aħħar, permezz ta' entità mhux indikata bħala li hija s-suġġett ta' tali miżuri.

57 L-appellanti preliminarjament tikkontesta l-punt 145 tas-sentenza appellata, li fih il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-appellanti kienet illimitat ruħha li ssostni li ċerti tranżazzjonijiet kienu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi mingħajr ma sostniet l-argumenti tagħha b'xi mod ieħor.

58 Fir-rigward tal-kategorija tat-tranżazzjonijiet awtorizzati, EIH tikkritika l-punti 147 sa 149 tas-sentenza appellata. Hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li hija ma kinitx ipproduċiet provi li jippermettu li jiġi stabbilit li hija kellha awtorizzazzjonijiet skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010, fir-rigward ta' trasferimenti ta' fondi lejn jew minn persuna, entità jew organu Iranjan, għal tranżazzjonijiet li seħħew wara t-2 ta' Settembru 2010, peress li ngħataw biss eżempji ta' tali awtorizzazzjonijiet.

59 Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju, EIH issostni lil-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi:

— meta kkunsidrat li l-approvazzjoni, mill-Bundesbank, tat-tranżazzjonijiet imwettqa minnha u li jirrigwardaw attivitajiet passati mal-banek issanzjonati ma kinitx leċita peress li din kienet approvazzjoni ġġeneralizzata u li huma biss tranżazzjonijiet awtorizzati każ b'każ li joħolqu eċċezzjonijiet validi għas-sistema ta' sanzjonijiet tal-Unjoni;

— meta qieset li l-awtorizzazzjonijiet tal-Bundesbank abbażi tal-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 ma jikkonfermawx il-legalità tat-tranżazzjonijiet imwettqa skont l-imsemmija proċedura, u

— meta ddeċidiet li t-tranżazzjonijiet imwettqa minnha skont il-proċedura tat-tielet rimedju ma kinux leċiti peress li dawn kienu jiksru l-projbizzjoni ta' evażjoni prevista fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 961/2010, sa fejn hija kienet ipparteċipat konxjament u intenzjonalment fl-evażjoni tas-sanzjonijiet.

60 F'dan ir-rigward hija ssostni li ma kellhiex l-opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet dwar in-natura illeċita tal-approvazzjonijiet ġeneralizzati, u dan jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha.

61 L-appellanti ssostni li d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolamenti inkwistjoni ma jeskludux awtorizzazzjonijiet ġeneralizzati u li tali awtorizzazzjonijiet ġeneralizzati jingħataw frekwentement mill-Istati Membri. Bħala eżempju hija ssemmi l-awtorizzazzjonijiet ġeneralizzati mogħtija u applikati mit-Teżor tar-Renju Unit.

62 Hija ssostni, essenzjalment, li l-Kunsill ma jistax jimponi miżuri restrittivi minħabba tranżazzjonijiet mibdija skont proċedura approvata minn awtorità nazzjonali kompetenti meta din l-approvazzjoni taqa' impliċitament taħt il-kompetenza ta' tali awtorità skont ir-Regolament Nru 423/2007. Għalhekk, meta awtorità nazzjonali kompetenti tintalab tagħti eżenzjoni abbażi tal-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament, iżda tqis li, f'dak il-każ jew f'dik il-kategorija ta' każijiet, l-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament ma huwiex applikabbli u li għalhekk ebda awtorizzazzjoni ma hija meħtieġa jew xierqa u tinforma b'dan lill-operatur ekonomiku, dan tal-aħħar għandu jibbenefika mill-istess protezzjoni legali bħal dik li minnha kien jibbenefika li kieku l-imsemmija awtorità kellha tikkonkludi li l-imsemmi Artikolu 7 huwa applikabbli u li hija tat l-eżenzjoni mitluba.

63 EIH issostni li d-deċiżjoni li għaliha waslet il-Qorti Ġenerali fil-punt 150 tas-sentenza appellata, li tgħid li l-awtorizzazzjonijiet tal-Bundesbank abbażi tal-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 ma kinux jikkonfermaw il-legalità tat-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju. Hija b'mod partikolari ssostni li operatur ekonomiku li jiżvela b'mod sħiħ it-tranżazzjoni ppjanata lill-awtorità nazzjonali kompetenti u li jibbaża ruħu fuq approvazzjoni jew awtorizzazzjoni għat-twettiq tat-tranżazzjoni inkwistjoni mogħtija minn din l-awtorità ma jistax jitqies bħala li konxjament u intenzjonalment evada s-sistema ta' ffriżar ta' assi fis-sens tal-Artikolu 16(4) ta' dan ir-regolament.

64 Barra minn hekk, EIH tikkontesta d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-proċedura tat-tielet rimedju tikser l-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 961/2010 minħabba li l-Qorti Ġenerali qajmet *ex officio* aggravju ġdid. Sussidjarjament, hija tfakkar li t-tranżazzjonijiet imwettqa minnha kienu s-suġġett, l-ewwel nett, ta' approvazzjoni ġeneralizzata mill-Bundesbank u/jew ta' garanzija ġeneralment applikabbli b'tali mod li ma kienet meħtieġa ebda awtorizzazzjoni u, it-tieni nett, ta' awtorizzazzjonijiet abbażi tal-Artikolu 21 ta' dan ir-regolament li jikkonfermaw il-legalità ta' dawn it-tranżazzjonijiet. Fl-aħħar nett, l-appellanti tindika n-nuqqas ta' qbil tagħha mal-konklużjonijiet li għalihom waslet il-Qorti Ġenerali abbażi tad-diversi dokumenti li jiffurmaw il-proċess tagħha.

65 Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet allegatament esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, li tgħid li EIH ma sostnietx l-allegazzjonijiet tagħha, hija ġusta.

66 Anki fir-rigward tat-tranżazzjonijiet allegatament awtorizzati, il-Kunsill iqis li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi.

67 Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju, il-Kunsill ifakkar li l-Qorti Ġenerali għamlet mistoqsija lill-partijiet dwar l-effett ġuridiku tal-approvazzjoni, minn awtorità nazzjonali kompetenti, ta' tali proċedura u li dawn setgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom f'dan ir-rigward. Il-Kunsill barra minn hekk jikkunsidra li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi.

68 Ir-Renju Unit ifakkar li l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 961/2010 li jgħid li awtorità nazzjonali kompetenti għandha tistabbilixxi li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni huma sodisfatti. L-approvazzjoni tingħata wara eżami individwali u ma tistax tkopri serje ta' tranżazzjonijiet differenti u mhux iddeterminati. Bl-istess mod, tali eżami ma jistax jiġi evitat billi jiġi adottat mezz indirett ta' kif jintbagħat il-ħlas. Ir-Renju Unit jenfasizza wkoll li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri l-oħra ma humiex marbuta mill-interpretazzjoni ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tgħid li forma ta' approvazzjoni ġenerali tista' tingħata għal ċerti tranżazzjonijiet. Fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet maħruġa skont il-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit u li għalihom tagħmel riferiment l-appellanti, ir-Renju Unit issostni li dawn huma applikabbli fil-kuntest ta' regolament ieħor tal-Unjoni u li dawn ma humiex rilevanti fil-każ inkwistjoni.

69 Ir-Renju Unit barra minn hekk josserva li l-EIH ipprovat tiġġustifika t-tranżazzjonijiet tagħha billi tagħmel riferiment għall-fatt li l-Bundesbank kien ħareġ awtorizzazzjonijiet abbażi tal-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010, iżda li dan ma jirrispondix għall-akkuża li tgħid li EIH aġixxiet bi ksur tal-Artikolu 16(4) ta' dan ir-regolament. Indipendentement min-natura, taħt id-dritt nazzjonali, ta' dikjarazzjonijiet tal-awtorità nazzjonali kompetenti, dawn ma jorbtux lill-Kunsill meta jevalwa l-kwistjoni ta' jekk persuna, entità jew organu wettaqx tranżazzjonijiet f'isem il-banek indikati bħala li kienu s-suġġett ta' miżuri restrittivi sabiex jiġi evitat l-Artikolu 16(1) u (2) tal-imsemmi regolament.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

70 Fir-rigward tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, għandu jiġi kkonstatat li din tissovraponi ruħha mal-ewwel aggravju li ġie miċħud fil-punt 52 ta' din is-sentenza.

71 Fir-rigward tat-tieni parti tat-tieni aggravju, għandu qabel kollox jitfakkar li, hekk kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 47 tas-sentenza appellata, il-Kunsill ried jibbaża l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi kontra l-appellanti fuq il-fatt li hija għenet persuna, entità jew organu indikat jevadi jew jikser l-miżuri restrittivi.

72 L-ewwel miżuri restrittivi meħuda kontra l-appellanti ġew adottati mill-Kunsill fit-23 ta' Mejju 2011. Il-fatti msemmija fir-raġunijiet tal-atti tat-23 ta' Mejju 2011 huma għas-snin 2009 u 2010.

73 Il-miżuri restrittivi meħuda kontra l-appellanti u l-fatti msemmija fl-imsemmija atti seħħew fil-kuntest ta' suspetti dejjem ikbar u ta' kontrolli miżjuda u iktar ma jmur stretti tat-tranżazzjonijiet finanzjarji mfakkra fil-punti 12 sa 24 ta' din is-sentenza, kuntest li l-appellanti ma setgħetx ma tkunx taf bih fid-dawl tal-istatus tagħha ta' bank speċjalizzat fis-servizzi u fl-attivitajiet li jirrigwardaw l-Iran jew fl-Iran.

74 Skont id-dikjarazzjonijiet tagħha stess, EIH wettqet tliet tipi ta' tranżazzjonijiet li, fl-opinjoni tagħha, ma kinux ipprojbiti.

75 Fir-rigward tat-tielet kategorija ta' tranżazzjonijiet, din kienet tinkludi tranżazzjonijiet allegatament approvati mill-Bundesbank u, b'mod partikolari, tranżazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura tat-tielet rimedju. Mill-proċess tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali jirriżulta li l-appellanti esprimiet ruħha bil-miktub dwar il-legalità ta' tali tranżazzjonijiet f'dokument tad-9 ta' Jannar 2013, b'risposta għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali. Hija setgħet ukoll tesprimi ruħha f'dan ir-rigward matul is-seduta quddiem il-Qorti Ġenerali, li nżammet fl-20 ta' Frar 2013. Għalhekk, l-argument tagħha bbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha ma huwiex fondat.

76 Fil-punti 124 sa 128 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali interpretat l-Artikoli 7 sa 10 tar-Regolament Nru 423/2007 kif ukoll l-Artikoli 16 sa 19 u 21 tar-Regolament Nru 961/2010. Kien mingħajr ma wettqet żball ta' liġi li hija osservat li r-rilaxx ta' ċerti fondi huwa eċċezzjoni

għall-prinċipju tal-iffriżar tal-fondi, li l-awtorità kompetenti għandha tevalwa każ b'każ u, għalhekk, li ma hijiex awtorizzata toħroġ approvazzjoni ġeneralizzata ta' ċerta kategorija ta' tranżazzjonijiet li fir-rigward tagħhom l-entitajiet ikkonċernati huma eżentati milli jitolbu l-awtorizzazzjonijiet każ b'każ.

77 Tali konklużjoni tirriżulta mit-test ċar, preċiż u ddettaljat tal-imsemmija dispożizzjonijiet, li jipprevedu l-investigazzjoni, f'kull każ, tal-kundizzjonijiet għar-rilaxx tal-fondi mill-awtorità kompetenti u li jiġi informat, skont il-każ, jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew l-Istati Membri u l-Kummissjoni sabiex, eventwalment, dawn ikunu jistgħu jirreaġixxu skont id-dispożizzjonijiet applikabbli.

78 Fil-punti 132 sa 141 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk jistgħux jitqiesu leċiti tranżazzjonijiet imwettqa permezz ta' entità mhux indikata bħala li kienet is-suġġett ta' miżuri restrittivi sabiex isiru ħlasijiet jew, bħal fil-kuntest tal-proċedura tat-tielet rimedju, sabiex jiġu onorati djun ta' entitajiet indikati bħala li huma s-suġġett ta' tali miżuri. Huwa mingħajr ma wettqet żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali qieset, fil-punti 135 u 136 tas-sentenza appellata, li tranżazzjonijiet imwettqa permezz ta' entità mhux indikata bħala li kienet is-suġġett ta' miżuri restrittivi jistgħu jiksru l-projbizzjoni imposta rispettivament fl-Artikolu 7(4) tar-Regolament Nru 423/2007 u fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 961/2010 meta dawn jitwettqu bil-għan li jiġu evitati l-miżuri ta' projbizzjoni.

79 Ġustament, minn dan l-eżami l-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 141 tas-sentenza appellata, li "l-effettività tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 7 sa 10 tar-Regolament Nru 423/2007 u tal-Artikoli 16 sa 19 u 21 tar-Regolament Nru 961/2010 tiġi kompromessa jekk entità mhux indikata [tkun tista'] liberament twettaq tranżazzjonijiet [permezz] ta' entità mhux indikata għall-finijiet li tirregola d-djun jew li twettaq pagamenti f'isem entità indikata. Minn dan jirriżulta li entità mhux indikata għandha dejjem tiżgura ruħha mil-legalità ta' tali tranżazzjonijiet billi titlob, jekk ikun il-każ, awtorizzazzjonijiet lill-awtorità nazzjonali kompetenti".

80 Minn din l-analiżi tal-imsemmija dispożizzjonijiet imwettqa mill-Qorti Ġenerali jirriżulta li, fil-każijiet kollha, inkluż it-trasferimenti ta' fondi bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010, l-appellanti kellha titlob awtorizzazzjoni speċifika lill-awtorità nazzjonali kompetenti. L-appellanti inqas u inqas ma setgħetx ma tkunx taf dwar dan ir-rekwiżit ladarba, hekk kif ġie indikat fil-punt 73 ta' din is-sentenza, il-leġiżlazzjonijiet adottati suċċessivament kienu jipprevedu kontrolli miżjuda u iktar ma jmur stretti tat-tranżazzjonijiet finanzjarji u fid-dawl tal-fatt li l-appellanti hija bank speċjalizzat fis-servizzi u fl-attivitajiet li jirrigwardaw l-Iran jew fl-Iran Barra minn hekk, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-appellanti kienet taf li t-tranżazzjonijiet li hija kienet twettaq kienu jirrigwardaw entitajiet indikati bħala li kienu s-suġġett ta' miżuri restrittivi, u li għalhekk kienu b'mod partikolari suspetti għaliex dawn kienu jippermettu li jiġi evitat l-iffriżar tal-fondi ta' dawn l-entitajiet.

81 Insostenn tal-argument tagħha li jgħid li t-tranżazzjonijiet skont il-proċedura tat-tielet rimedju kienu leċiti, l-appellanti pproduċiet ċertu numru ta' provi bħal posta elettronika rċevuta mingħand il-Bundesbank, ittri mibgħuta mill-Österreichische Nationalbank (Bank nazzjonali tal-Awstrija) lill-Wirtschaftskammer Österreich (Kamra tal-kummerċ tal-Awstrija), kif ukoll tliet rapporti ta' verifika tal-kontijiet. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 155 tas-sentenza appellata, li l-ittri tal-Österreichische Nationalbank ma kinux rilevanti u, fil-punt 156 tal-imsemmija sentenza, li wieħed mir-rapporti ta' verifika tal-kontijiet kien imur kontra t-teżi difiża mill-appellanti.

82 Fir-rigward tal-posta elettronika mibgħuta mill-Bundesbank, il-Qorti Ġenerali osservat, fil-punt 154 tas-sentenza appellata, li dawn kienu preċedenti għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-atti kkontestati u li, fl-assenza ta' awtorizzazzjonijiet maħruġa każ b'każ, dawn kienu insuffiċjenti sabiex juru n-natura illeċita tat-tranżazzjonijiet imwettqa. Fid-dawl tar-rekwiżiti previsti fl-Artikoli 7 sa 10 tar-Regolament Nru 423/2007 kif ukoll 16 sa 19 u 21 tar-Regolament Nru 961/2010, il-Qorti Ġenerali kienet iġġustifikata li tikkunsidra, fl-istess punt, li approvazzjoni ġeneralizzata mogħtija mingħajr distinzjoni skont in-natura tat-tranżazzjonijiet speċifiċi u l-entitajiet indikati kkonċernati hija insuffiċjenti.

83 Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, kien mingħajr ma wettqet żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 157 tas-sentenza appellata, li, "kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, it-tranżazzjonijiet imsemmija fil-motivi tal-atti kkontestati ma humiex, fl-assenza ta' awtorizzazzjonijiet maħruġa każ b'każ, leċiti [fid-dawl], skont il-każ, tar-Regolament Nru 423/2007 u tar-Regolament Nru 961/2010, b'mod li, [...] il-Kunsill seta' validament jibbaża l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fir-rigward tar-rikorrenti fuq dawn it-tranżazzjonijiet".

84 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx lok li jiġi eżaminat jekk il-Qorti Ġenerali wettqitx żball ta' liġi fil-punti 145 u 147 sa 149 tas-sentenza appellata fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni kategorija ta' tranżazzjonijiet. Fil-fatt, peress li t-tielet kategorija ta' tranżazzjonijiet kienet tiġġustifika, waħedha, l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fil-konfront tal-appellanti, eventwali żball ta' liġi fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni kategorija ta' tranżazzjonijiet ma jkollu l-ebda effett fuq is-soluzzjoni tat-tilwima u ma jistax jaffettwa d-dispożittiv tas-sentenza appellata.

85 Għaldaqstant it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

*Fuq it-tielet aggravju*

Is-sentenza appellata

86 Permezz tat-tielet motiv tagħha mqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti kienet essenzjalment sostniet li l-Kunsill kiser il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi ma ħax inkunsiderazzjoni l-awtorizzazzjonijiet u l-approvazzjonijiet tal-Bundesbank. Sussidjarjament, hija sostniet li l-Kunsill kiser, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn huwa elenka isimha fil-listi tal-2010 u fil-lista li tinsab fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012 abbażi ta' tranżazzjonijiet awtorizzati jew imwettqa skont il-proċeduri approvati mill-Bundesbank.

87 Fil-punt 176 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li t-tranżazzjonijiet imsemmija fil-motivi tal-atti kkontestati ma ġewx awtorizzati mill-Bundesbank skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 423/2007, jiġifieri wara evalwazzjoni każ b'każ, u dan ifisser li l-argument ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma kienx fondat. Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 179 tas-sentenza appellata, li r-Regolament Nru 423/2007 kif ukoll id-Deċiżjoni 2010/413, ir-Regolament Nru 961/2010 u r-Regolament Nru 267/2012 kienu jistipulaw b'mod ċar il-kundizzjonijiet għall-indikazzjoni bħala persuna, entità jew organu li huwa s-suġġett ta' miżuri restrittivi, kienu jispeċifikaw it-tranżazzjonijiet ipprojbiti u kienu jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni, bil-konsegwenza li l-applikazzjoni tagħhom kienet prevedibbli mill-appellanti.

L-argumenti tal-partijiet

88 Permezz tat-tielet aggravju tagħha EIH issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali.

89 Hija ssostni li l-garanziji ċari, preċiżi u ripetuti mogħtija mill-Bundesbank mhux biss kienu jipprekludu l-impożizzjoni ta' kull sanzjoni abbażi tar-regoli Ġermaniżi li jimplementaw l-Artikolu 16(4) tar-Regolament Nru 961/2010, iżda wkoll l-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi mill-Kunsill li, kif ammettiet il-Qorti Ġenerali, tista' bħala prinċipju tkun marbuta mill-aspettattivi leġittimi li jirriżultaw mill-garanziji tal-Bundesbank. Skont l-appellanti, fid-dawl tal-opinjonijiet invokati fil-kuntest tal-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali, din tal-aħħar kienet evidentement żbaljata meta ddeċidiet li r-regoli rilevanti ma kinux ambigwi.

90 Il-Kunsill isostni li t-tielet aggravju huwa msejjes fuq it-tieni aggravju u għandu jiġi miċħud għall-istess raġunijiet bħal dawk ippreżentati kontra dak l-aggravju.

91 Huwa josserva li l-appellanti tibbaża l-argument tagħha fuq ġurisprudenza dwar il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi f'qasam kriminali, ta' impożizzjoni ta' multi jew ta' rkupru ta' għajnuna mill-Istat. Madankollu, f'dan il-każ inkwistjoni hemm miżuri restrittivi li ma jikkostitwixxux sanzjonijiet iżda miżuri kawtelatorji preventivi. Huwa jsostni li r-riskju li entità tadotta aġir reprensibbli jista' jkun suffiċjenti (sentenza Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft, C-348/12 P, EU:C:2013:776, punt 85). Iktar minn hekk, is-sistema ta' notifika ta' ċerti deċiżjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti la torbot lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-anqas lill-Istati Membri l-oħra.

92 Ir-Renju Unit isostni li l-opinjoni ta' awtorità nazzjonali kompetenti ma hijiex ekwivalenti għal dikjarazzjoni tal-Kunsill, li d-dikjarazzjonijiet invokati minn EIH kienu redatti f'termini ġeneriċi u ma kinux jikkostitwixxu garanzija suffiċjentement preċiża u speċifika li tindika li t-tranżazzjonijiet realment imwettqa minn EIH kienu legali, li operatur ekonomiku ma jistax jinvoka aspettattivi leġittimi bbażati fuq garanziji li ma humiex konformi mar-regoli applikabbli u, fl-aħħar nett, li d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Nru 423/2007 u Nru 961/2010 ma kinux ambigwi.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

93 Il-prinċipju ta' ċertezza legali jeżiġi li leġiżlazzjoni tkun ċara u preċiża u li l-applikazzjoni tagħha tkun prevedibbli għal dawk kollha kkonċernati (sentenza Franza vs Il-Kummissjoni, C-325/91, EU:C:1993:245, punt 26).

94 Kif ġie kkonstatat fil-punt 77 ta' din is-sentenza, il-leġiżlazzjoni applikabbli f'dan il-każ kienet ċara, preċiża u ddettaljata. Għalhekk huwa mingħajr ma wettqet ebda żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 179 tas-sentenza appellata, li din il-leġiżlazzjoni kienet prevedibbli mill-appellanti u li ċaħdet bħala infondat, fil-punt 181 tal-imsemmija sentenza, l-argument ta' din tal-aħħar ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

95 Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, kien mingħajr ma wettqet ebda żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 174 tas-sentenza appellata, il-ġurisprudenza li tgħid li d-dritt li jiġi invokat dan il-prinċipju japplika għal kull individwu li istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea tkun ħolqitlu aspettattivi bbażati fuq garanziji preċiżi li din tal-aħħar tkun tatu. Madankollu, meta operatur ekonomiku prudenti u avżat ikun f'pożizzjoni fejn ikun jista' jipprevedi l-adozzjoni ta' miżura tal-Unjoni li tista' taffettwa l-interessi tiegħu, dan l-operatur ma jkunx jista' jinvoka l-benefiċċju ta' dan il-prinċipju meta tkun adottata din il-miżura (minbarra l-ġurisprudenza ċċitata fl-imsemmi punt 174, ara s-sentenza Alcoa Trasformazioni vs Il-Kummissjoni, C-194/09 P, EU:C:2011:497, punt 71).

96 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-kliem tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni kien ċar u ma kien jagħti lok għall-ebda dubju li t-tranżazzjonijiet inkwistjoni kienu suġġetti għal sistema ta' rilaxx u ta' awtorizzazzjoni każ b'każ kif deskritt b'mod partikolari fil-punti 76 u 77 ta' din is-sentenza. Barra minn hekk, għandha titfakkar il-konstatazzjoni diġà magħmula fil-punt 73 ta' din is-sentenza, jiġifieri li l-leġiżlazzjoni applikabbli ġiet adottata fil-kuntest ta' suspetti dejjem ikbar u ta' kontrolli miżjuda u iktar ma jmur stretti tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, kuntest li l-appellanti ma setgħetx ma tkunx taf bih fid-dawl tal-istatus tagħha ta' bank speċjalizzat fis-servizzi u fl-attivitajiet li jirrigwardaw l-Iran jew fl-Iran. F'dan ir-rigward, l-appellanti kellha tkun taf li wħud mit-tranżazzjonijiet li hija kienet twettaq kienu jirrigwardaw entitajiet indikati bħala li kienu s-suġġett ta' miżuri restrittivi, u li għalhekk kienu b'mod partikolari suspetti.

97 Fl-aħħar nett, għandu jiġi osservat li, fid-dawl ta' dan il-kuntest, il-miżuri restrittivi inkwistjoni ġew adottati kontra l-appellanti biss minħabba l-fatt li hija kienet wettqet tranżazzjonijiet illeċiti. Għalhekk, anki jekk jitqies li awtorizzazzjonijiet jew approvazzjonijiet ġenerali, mogħtija mill-Bundesbank inkwantu awtorità nazzjonali kompetenti indikata mill-Kunsill, setgħu jagħtu lok għall-aspettattivi leġittimi tal-appellanti, tali aspettattivi leġittimi ma jistgħux jagħmlu leċiti tranżazzjonijiet li kienu espliċitament ipprojbiti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u ma jistgħux, għalhekk, jipprekludu l-adozzjoni tal-imsemmija miżuri kontra l-appellanti.

98 Għalhekk kien mingħajr ma wettqet ebda żball ta' liġi li, fil-punt 177 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala mhux fondat l-argument ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

99 Għaldaqstant, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud.

*Fuq ir-raba' aggravju*

L-argumenti tal-partijiet

100 Permezz tar-raba' aggravju tagħha EIH issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 205 tas-sentenza appellata, li hija ma setgħetx tinvoka l-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 961/2010 peress li hija kienet wettqet it-tranżazzjonijiet illeċiti allegati mill-Kunsill. EIH tfakkar li l-għan ta' dan l-Artikolu 32(2) huwa li jipproteġi l-impriżi li kisru projbizzjonijiet previsti f'dan ir-regolament iżda li ma kinux jafu jew ma setgħux raġonevolment jissuspettaw li huma għamlu dan.

101 Barra minn hekk, EIH tikkontesta d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punti 209 sa 211 tas-sentenza appellata, li tgħid li l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi kienet neċessarja sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija. L-appellanti kienet sostniet li setgħu jiġu adottati miżuri oħra bħall-fatt li l-Bundesbank ma japprovax iktar il-proċedura tat-tielet rimedju jew ma joħroġx iktar awtorizzazzjonijiet abbażi tal-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010. Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali kienet żbaljata meta ċaħdet il-possibbiltà tal-adozzjoni ta' tali miżuri minħabba li dawn ma kinux ta' natura li jiżguraw effett preventiv suffiċjenti.

102 L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-obbligu ta' kooperazzjoni legali tal-Bundesbank f'dak li jirrigwarda l-implementazzjoni effettiva tas-sistema ta' sanzjonijiet. Barra minn hekk, huma l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li huma responsabbli sabiex jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jevitaw diverġenzi ta' interpretazzjoni tar-regoli dwar is-sistema ta' sanzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-appellanti tikkonkludi li l-indikazzjoni tagħha bħala persuna, entità jew organu li huwa s-suġġett ta' miżuri restrittivi kienet miżura sproporzjonata, li l-Qorti Ġenerali għamlet klassifikazzjoni ġuridika żbaljata tas-sitwazzjoni fattwali u li d-deċiżjonijiet li waslet għalihom abbażi tal-proċess huma fundamentalment ineżatti. Hija tqis ukoll li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 210 tas-sentenza appellata, li s-sistema ta' approvazzjoni prevista fl-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 ma setgħetx tiżgura effett preventiv ekwivalenti għall-iffriżar tal-assi, minkejja li ż-żewġ sistemi huma paragunabbli.

103 Il-Kunsill u r-Renju Unit isostnu li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi fl-interpretazzjoni li hija tat tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 961/2010. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni ma tipprekludix l-indikazzjoni ta' entità li tissodisfa l-kriterji ta' indikazzjoni bħala entità li kienet is-suġġett ta' miżuri restrittivi, iżda tillimita ruħha li tipprekludi li din l-entità tinżamm responsabbli għall-ksur involontarju. Il-Kunsill iqis li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-miżuri restrittivi inkwistjoni kienu proporzjonati. Il-Kunsill ifakkar li huwa awtorizzat jevalwa r-riskju ta' ħrib ta' fondi fil-każ ta' kategorija ta' persuni jew ta' entitajiet indikati bħala li kienu s-suġġett ta' miżuri restrittivi.

104 Fl-aħħar nett, il-Kunsill u r-Renju Unit isostnu li s-sistema ta' approvazzjoni prevista fl-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 961/2010 ma tipproduċix l-istess effett bħall-iffriżar tal-assi. Fil-fatt, ladarba assi jiġu ffriżati, ir-riskju li dawn jintużaw bi ksur ta' miżuri restrittivi huwa evidentement iżgħar mir-riskju ta' ksur assoċjat mat-tranżazzjonijiet, potenzjalment numerużi, li għalihom hija meħtieġa awtorizzazzjoni.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

105 Is-siltiet ikkritikati tas-sentenza appellata fil-kuntest tar-raba' aggravju jifformaw parti mir-risposta li l-Qorti Ġenerali tat għar-raba' motiv imqajjem quddiemha, li permezz tiegħu l-appellanti sostniet li l-Kunsill kien kiser il-prinċipju ta' proporzjonalità, id-dritt għall-proprjetà tagħha kif ukoll tal-libertà ta' impriża tagħha.

106 L-appellanti b'mod partikolari sostniet li l-fatt li tiġi imposta l-indikazzjoni ta' kull entità identifikata bħala li għenet entità oħra ssanzjonata tikser jew tevita sanzjonijiet, minkejja l-fatt li tali għajnuna tista' tingħata involontarjament jew tkun insinjifikattiva, jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità u jmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 961/2010 li jipprevedi li l-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ma għandhomx iwasslu għal responsabbiltà ta' ebda xorta min-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew entitajiet ikkonċernati, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu se jiksru dawn il-projbizzjonijiet.

107 Fil-punt 205 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan l-argument billi fakkret li, hekk kif kien jirriżulta mit-tieni motiv imressaq quddiemha, it-tranżazzjonijiet imsemmija fil-motivi tal-atti kkontestati ma humiex leċiti.

108 B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi. Fil-fatt, ma hemm ebda dubju li ċ-ċaħda tal-motiv li permezz tiegħu l-appellanti kienet ikkontestat il-miżuri restrittivi adottati minħabba li hija kienet għenet entitajiet indikati bħala li kienu s-suġġett ta' miżuri restrittivi sabiex tevita l-miżuri restrittivi li kienu jirrigwardawhom huwa suffiċjenti sabiex jiġġustifika ċ-ċħid tal-argument ibbażat fuq allegat nuqqas ta' għarfien raġonevoli tan-natura illeċita tal-għajnuna mogħtija.

109 Fir-rigward tal-miżuri alternattivi proposti mill-appellanti li jikkonsistu b'mod partikolari li l-Bundesbank ma japprovax iktar il-proċedura tat-tielet rimedju jew li l-Kunsill jissuġġerixxi lill-Bundesbank jemenda l-prassi regolatorja tiegħu, dawn ma jistgħux jitqiesu bħala li jippermettu l-ilħuq tal-għanijiet imfittxija, jiġifieri l-ġlieda kontra l-proliferazzjoni nukleari u l-finanzjament tagħha, b'mod daqstant effikaċi daqs il-miżuri restrittivi adottati kontra r-rikorrenti. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 210 u 211 tas-sentenza appellata, li l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fir-rigward tal-appellanti kienu neċessarji sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu mfittex.

110 Għaldaqstant, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

111 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq jirriżulta li peress li ebda wieħed mill-aggravji mqajma mill-appellanti insostenn tal-appell tagħha ma ġie milqugħ, dan għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

**Fuq l-ispejjeż**

112 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

113 Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess Regoli, applikabbli għall-proċedura ta’ appell skont l-Artikolu 184(1), il-parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu.

114 Peress li l-appellanti tilfet fir-rigward tal-aggravji kollha tagħha, hemm lok li hija tiġi kkundannata, minbarra għall-ispejjeż tagħha, għal dawk sostnuti mir-Renju Unit u mill-Kunsill hekk kif mitlub minnhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta’ u tiddeċiedi:

**1) L-appell huwa miċħud.**

**2) Europäisch-Iranische Handelsbank AG hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq.**

Firem